## Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 2542 finali, tal-25 ta' April 2012 (SA.33451, 2012/C, ex 2012/NN) skont l-Artikolu 264 TFUE, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tar-rikorrenti, skont l-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti essenzjalment jinvokaw in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni. Fil-fehma tagħhom, l-allegata għajnuna mill-Istat ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikoli 107 u 108 TFUE. Skont l-Anness V tal-Att ta' Adeżjoni tar-Rumanija, il-Kummissjoni għandha biss il-kompetenza li tistħarreġ l-għajnuna mill-Istat implementata qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fil-każ fejn tali miżuri kienu għadhom fis-seħħ wara l-adeżjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu, b'mod partikolari, li l-obbligi ta' Hidroelectrica fil-konfront tal-allegati benefiċjarji kienu diġà previsti fil-kuntratti ta' provvista ta' elettriku konklużi qabel l-adeżjoni b'mod tant ċar li kellha tiġi eskluża estensjoni susseg-wenti tal-obbligu ta' forniment ta' Hidroelectrica, li kienet timplika vantaġġ addizzjonali.

---

# Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2013 — Lardini vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' fjura)

**(Kawża T-131/13)**

(2013/C 141/41)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Lardini Srl (Filottrano, l-Italja) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

## Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-13 ta' Diċembru 2012, fil-Każ R 2578/2011-1; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċedimenti tal-appell R 2578/2011-1.

## Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark ta' pożizzjoni li tikkonsisti fi fjura għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

# Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2013 — Evonik Oil Additives vs UASI — BRB International (VISCOTECH)

**(Kawża T-138/13)**

(2013/C 141/42)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Evonik Oil Additives GmbH (Darmstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: J.Albrecht, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* BRB International BV (Itter-voort, il-Pajjiżi l-Baxxi)

## Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-19 ta' Diċembru 2012 fil-Każ R 907/2012-5;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* BRB International BV

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "VIS-COTECH" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 4

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali u internazzjonali "VISCOPLEX" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 4

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u oppożizzjoni miċħuda

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---